# KAPITOLU 204

## ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA

*Biex jipprovdi għat-twaqqif ta' Bank Ċentrali ta' Malta u biex jiġu stabbiliti l-funzjonijiet u s-setgħat tiegħu; u biex jipprovdi għall-ħwejjeġ anċillari jew inċidentali għalihom.*

17 ta' April, 1968
7 ta' Ġunju, 1968
1 ta' Jannar, 2000

*L-ATT XXXI tal-1967, kif emendat bl-Atti X u XXIX tal-1968, XVII u XX tal-1971, XXIV tal-1972, XIX u LVIII tal-1974; bl-Avviż Legali 148 tal-1975; u bl-Atti: XX tal-1981, XIII tal-1983, XXXVIII tal-1986, XI tal-1988, XIV u XXVI tal-1994, XXIV tal-1995, IX u XVI tal-1997, XVII tal-2002, III tal-2004, IX tal-2005, I u IV tal-2007, XIII tal-2013, XXIV tal-2014, u IX u XLIX tal-2016 , XXX tal-2020 , XII tal-2021 u XIII tal-2024.*

TAQSIM TAL-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Taqsima I | Preliminari | 1 - 2 |
| Taqsima II | Twaqqif u Tmexxija tax-Xogħol ta' Bank | 3 - 18 |
| Taqsima III | Dispożizzjonijiet Finanzjarji | 19 - 22 |
| Taqsima IV | Ġbir ta' Statistika u Informazzjoni oħra | 23 - 24 |
| Taqsima V | Relazzjonijiet mal-Gvern | 25 - 29 |
| Taqsima VI | Relazzjonijiet ma' Istituzzjonijiet ta' Kreditu u dawk Finanzjarji | 30 - 33 |
| Taqsima VII | Xenarju tal-Pagamenti | 34 - 35 |
| Taqsima VIII | Relazzjonijiet mal-Awtorità Kompetenti | 36 - 38 |
| Taqsima IX | Relazzjonijiet ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali u oħrajn | 39 - 41 |
| Taqsima X | Flus | 42 - 55 |
| Taqsima XI | Ġenerali | 56 - 61 |
| Taqsima XII | Dispożizzjonijiet Transizzjonali dwar il-Lira Maltija | 62 - 63 |
| | Skeda | |

## TAQSIMA I

### PRELIMINARI

Titolu.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

Tifsir.
*Emendat:*
*XX. 1981.2;*
*XI. 1988.2;*
*XXVI. 1994.3;*
*XVII. 2002.66;*
*III. 2004.88;*
*I. 2007.6;*
*XIII. 2013.2.*

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

L.S. 441.07.

"aġenzija ta' referenza dwar kreditu" tfisser kull impriża li jkollha liċenzja mis-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ kif hemm fir-regolament 47A tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ, li xogħolha prinċipali jkun li tħejji, tiġbor u tevalwa informazzjoni dwar il-kreditu u servizzi ta' maniġġar ta' kreditu u riskju relatati dwar persuni ġuridiċi u fiżiċi bil-għan li jinġabru punteġġi ta' kreditu biex jiġu provduti lil terzi, iżda l-aġenzija ta' referenza dwar kreditu mhux prekluża milli twettaq kompiti oħrajn relatati;

"applikazzjoni ta' pagament" tfisser *software* ta' kompjuter jew ekwivalenti, imdaħħal fuq sistema li tippermetti transazzjonijiet ta' pagamenti u li tinbeda minn pagatur sabiex joħroġ ordni tal-ħlas;

"awtorità kompetenti" tfisser dik l-awtorità jew dawk l-awtoritajiet, skont il-każ, nominati biex jirregolaw il-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji jew istituzzjonijiet ta' servizzi finanzjarji taħt liġi minn dawk murija fl-Iskeda;

L.S. 441. 07.

"awtorità superviżorja" tfisser dik l-awtorità responsabbli għas-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-aġenziji ta' referenza dwar kreditu liċenzjati taħt ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ;

Kap. 371.

"bank" jew "istituzzjoni ta' kreditu" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u tinkludi kull fergħa, aġenzija jew uffiċċju f'Malta ta' bank jew istituzzjoni ta' kreditu mhux inkorporata f'Malta;

"bank" tfisser kull persuna li tmexxi kummerċ bankarju u tinkludi kull fergħa, aġenzija jew uffiċju f'Malta ta' bank mhux inkorporat f'Malta;

"Bank Ċentrali Ewropew" tfisser il-bank mwaqqaf skont l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

"Bord" tfisser il-Bord tad-Diretturi tal-Bank imwaqqaf bl-artikolu 7;

"Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku" tfisser il-Bord imwaqqaf skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku;

"Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja" tfisser il-bord imwaqqaf skont l-artikolu 17B;

"direttiva" tfisser direttiva maħruġa mill-Bank taħt dan l-Att;

"direttur", relattivament għall-Bank, tinkludi l-Gvernatur u d-Deputati Gvernaturi;

"Direttiva tas-Servizzi tal-Pagamenti" tfisser Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE, kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien u tinkludi kull miżura implimentattiva maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha;

"fornitur ta' servizz ta' pagament" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE;

"Gvernatur" u "d-Deputati Gvernaturi" ifissru rispettivament l-Gvernatur u d-Deputati Gvernaturi tal-Bank maħtura skont l-artikolu 8;

"informazzjoni dwar il-kreditu" tfisser ġbir ta' informazzjoni pubblika u dik mhux pubblika u informazzjoni oħra relatata, inkluż data mir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu, li meta tiġi vvalutata, miġmugħa u evalwata tindika affidabbiltà kreditizja ta' persuna ġuridika jew fiżika;

"istituzzjoni finanzjarja" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u tinkludi kull fergħa f'Malta ta' istituzzjoni mhux inkorporata f'Malta; Kap. 376.

"il-Komunitajiet" tfisser il-Komunità Ewropea kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"kummerċ bankarju" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju; Cap. 371.

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"parteċipant" fir-rigward ta' sistema ta' pagament tfisser persuna, inkluż il-Bank, li tipparteċipa f'sistema ta' pagament, li tista' tinkludi parteċipant indirett approvat mill-Bank jekk ikun meħtieġ fuq il-bażi ta' riskju sistemiku u fuq kondizzjoni li l-parteċipant indirett ikun magħruf fis-sistema;

"punteġġ ta' kreditu" tfisser miżura tal-affidabbiltà kreditizja miksuba minn informazzjoni dwar il-kreditu u li taħt piena ta' nullità għandu jinkludi d-data mir-Reġistru Ċentrali tal-Kreditu;";

"servizz ta' pagament" tfisser kwalunkwe attività ta' negozju stabbilita fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE;

"sistema ta' pagament" jew "sistema" tfisser arranġament formali bejn tliet parteċipanti jew iktar b'regoli komuni u b'arranġamenti standardizzati, għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment bejn il-parteċipanti, inkluża *clearing house*, jew għall-konklużjoni ta' pagamenti dwar titoli, kif jiġi approvat mill-Bank, u tista' tinkludi pagament, *clearing*, *settlement*, *clearing* ta' titoli, *settlement* ta' titoli, *netting* u, jew sistema simili. Il-Bank jista' wkoll, fuq bażi ta' każ b'każ, jittratta bħala sistema ta' pagament dak l-arranġament formali bejn żewġ parteċipanti meta l-Bank hekk jidhirlu meħtieġ fuq bażi ta' riskju sistemiku;

"skema ta' kard ta' pagament" tfisser ġabra unika ta' regoli, prattiki, standards u/jew linji gwida ta' implimentazzjoni għall-eżekuzzjoni ta' transazzjonijiet ta' pagament ibbażati fuq kard;

"Stat Membru" tfisser Stat li hu membru tal-Unjoni Ewropea;

"Statut" tfisser il-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"transazzjoni ta' pagament" tfisser att, mibdi minn min iħallas jew f'ismu jew inkella minn min ikun ser jirċievi l-pagament, ta' tqegħid, trasferiment jew ġbid ta' fondi, irrispettivament minn kwalunkwe obbligu sottostanti bejn min iħallas u min jirċievi l-pagament;

"it-Trattati" tfisser it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, magħmul f'Lisbona fit-13 ta' Diċembru 2008 u kif sussegwentement emendat;

"Unjoni Ewropea" jew "Unjoni" tfisser l-Unjoni Ewropea kif imsemmija fit-Trattati.

"utent ta' servizz ta' pagament" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE;

## TAQSIMA II

### TWAQQIF U TMEXXIJA TAX-XOGĦOL TA' BANK

Twaqqif ta' Bank. *Emendat: I. 2007.7; XIII. 2013.3.*

**3.** (1) Għandu jkun hemm Bank li jissejjaħ il-Bank Ċentrali ta' Malta. Il-Bank ikun jagħmel parti integrali mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali kif imwaqqfa taħt it-Trattati u għandu jipparteċipa billi jwettaq kull ħidma u jkun konformi mal-oġġettivi lilu mogħtija bit-Trattati u bl-Istatut u għandu jassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha konsegwenzjali għal dak l-istatus.

(2) Il-Bank ikun enti morali li jkollu personalità legali distinta u jkun jista', bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jagħmel kuntratti, jakkwista, iżomm u jiddisponi minn kull proprjetà għall-iskop tal-funzjonijiet tiegħu, jħarrek u jiġi mħarrek, u jagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u t-transazzjonijiet kollha li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew qadi tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att.

**4.** Skont it-Trattati u l-Istatut, l-għan prinċipali tal-Bank huwa li jżomm stabbilità fil-prezzijiet. Mingħajr preġudizzju għall-għan prinċipali tiegħu, il-Bank għandu jagħti appoġġ lil-linji politiċi ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni bil-ħsieb li jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għandu jaġixxi skont il-prinċipji indikati fl-Artikolu 119 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Oġġettivi.
*Emendat: XXVI. 1994.4. Sostitwit: XVII. 2002.67. Emendat: I. 2007.8. Sostitwit: XIII. 2013.4.*

**5.** (1) Skond it-Trattati u l-Istatut, il-funzjonijiet tal-Bank għandha tinkludi dan li ġej:

Funzjonijiet tal-Bank.
*Miżjud: I. 2007.9. Emendat: XIII. 2013.5.*

(*a*) li jimplimenta l-*policy* monetarja;

(*b*) li jżomm u jamministra attivi finanzjarji;

(*ċ*) li jiżgura l-istabbilità tas-sistema finanzjarja;

(*d*) sabiex tiġi formulata u implimentata politika makroprudenzjali;

(*e*) li jippromovi sistema ta' pagament b'saħħitha u effiċjenti;

(*f*) li jipprovdi għaċ-ċirkolazzjoni ta' karti tal-flus euro;

(*g*) li jipprovdi għaċ-ċirkolazzjoni ta' muniti euro maħruġin għal u għan-nom tal-Gvern;

(*h*) li jagħti parir lill-Gvern b'mod ġenerali fuq ħwejjeġ finanzjarji u ekonomiċi;

(*i*) li jiġbor u jippubblika statistika li tista' tkun meħtieġa biex iwettaq ħidmietu.

(2) Skond it-Trattati u l-Istatut, la l-Bank lanqas ebda membru tal-Bord jew ebda uffiċjal tal-Bank, filwaqt li jkun qiegħed jeżerċita xi funzjoni, dmir jew setgħa taħt dan l-Att, m'għandu jitlob jew jieħu istruzzjonijiet mingħand il-Gvern jew mingħand xi korp ieħor.

**6.** Il-Bank għandu jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta; jista' jiftaħ uffiċċji barra minn Malta u jista' jaħtar aġenti u korrispondenti.

Uffiċċju prinċipali ta' Bank.
*Emendat: XI. 1988.3. Sostitwit: XVII. 2002.68. Emendat: I. 2007.3.*

**7.** (1) Għandu jkun hemm Bord ta' Diretturi li jkun responsabbli għall-politika u għall-amministrazzjoni ġenerali tal-affarijiet u tan-negozju tal-Bank, ħlief dwar il-funzjonijiet imposti, u l-eżerċizzju ta' poteri mogħtija, lill-Bank taħt it-Trattati jew l-Istatut.

Bord ta' diretturi.
*Emendat: XVII. 2002.69. IX. 2005.2; I. 2007.10; XIII. 2013.6.*

(2) Il-membri tal-Bord għandhom ikunu l-Gvernatur, id-Deputati Gvernaturi u l-erba' diretturi l-oħra nominati taħt l-artikolu 9.

Il-Gvernatur u d-Deputati Gvernaturi.
*Emendat:*
*XIX. 1974.2;*
*LVIII. 1974.68;*
*XIII. 1983.2;*
*XI. 1988.4;*
*XXVI. 1994.6;*
*XVII. 2002.70;*
*I. 2007.11;*
*XIII. 2013.7;*
*XII.2021.5;*
*XIII.2024.14.*

**8.** (1) Il-Gvernatur u d-Deputati Gvernaturi jkunu persuni ta’ pożizzjoni u esperjenza magħrufa f’materji ekonomiċi jew bankarji u kull wieħed minnhom għandu jiġi nominat mill-President ta’ Malta, li jaġixxi fuq il-parir tal-Kabinett tal-Ministri. Huma għandhom jiġu nominati għal perjodu ta’ ħames snin, iżda jkunu jistgħu jerġgħu jiġu nominati. Għandhom jirċievu dak il-kumpens kif approvat mill-Bord.

(2) (*a*) Il-Gvernatur għandu r-responsabbiltà unika għall-qadi tal-funzjonijiet imposti, u l-poteri mogħtija, lill-Bank taħt it-Trattati u l-Istatut.

(*b*) Mingħajr ħsara għall-paragrafu (*a*), il-Gvernatur ikun inkarigat mid-direzzjoni u mill-operazzjonijiet ta’ kuljum tal-Bank skont il-politika tal-Bord u jkun responsabbli lejn il-Bord għal atti u deċiżjonijiet tiegħu f’dan l-aspett. Ir-rappreżentanza tal-Bank fi proċeduri ġudizzjarji tkun fil-Gvernatur.

(3) Deputat Gvernatur għandu jappoġġa lill-Gvernatur billi jaqdi dmirijietu fir-rigward ta’ *policy* monetarja u f’dawk id-dmirijiet kif il-Gvernatur jista’ jordna. It-tieni Deputat Gvernatur għandu jappoġġa lill-Gvernatur billi jaqdi dmirijietu fir-rigward ta’ stabbilità finanzjarja u dawk id-dmirijiet kif il-Gvernatur jista’ jordna. Fil-każ ta’ -

(*a*) nuqqas tal-Gvernatur, il-Gvernatur għandu jaħtar id-Deputat Gvernatur li jaqdi d-dmirijiet tal-Gvernatur;

(*b*) vakanza fil-kariga tal-Gvernatur, il-Bord għandu jaħtar id-Deputat Gvernatur li jaqdi d-dmirijiet tal-Gvernatur, sakemm jiġi appuntat Gvernatur ġdid kemm jista’ jkun malajr taħt is-subartikolu (1),

u d-Deputat Gvernatur maħtur għandu jkollu u jkun jista’ jeżerċita s-setgħat u jaqdi l-funzjonijiet tal-Gvernatur.

(4) Il-Gvernatur, u d-Deputati Gvernaturi għandhom jagħtu l-ħin professjonali tagħhom kollu għas-servizz tal-Bank u waqt li jkollhom dik il-kariga ma għandhom jokkupaw ebda kariga jew impieg ieħor sew jekk b’kumpens sew jekk le:

Iżda jistgħu jinħatru fil-kariga tagħhom ta’ Gvernatur u Deputati Gvernaturi, skont il-każ, joqgħodu fuq xi bord, kummissjoni jew kumitat, ikun x’ikun l-isem, sew f’Malta jew barra minn Malta u iżda wkoll li dik l-attività ma tkunx fil-fehma tal-Bord ta’ konflitt mal-qadi tad-dmirijiet tagħhom taħt dan l-Att.

(5) Il-Gvernatur u d-Deputati Gvernaturi jistgħu jitneħħew mill-kariga tagħhom biss jekk ma jibqgħux kapaċi li jaqdu d-dmirijiet tagħhom jew jekk ikunu ħatja ta’ mġieba ħażina serja.

(6) Il-Gvernatur jista’ jkun mitlub mill-Kamra tad-Deputati li jirrapporta fuq it-tmexxija tal-Bank quddiem kumitat tal-Kamra tad-Deputati maħtur għal daqshekk u sabiex jipprovdi lil dak il-kumitat b’kull informazzjoni li titqies li tkun meħtieġa:

Iżda l-Gvernatur ma jistax ikun hekk mitlub iktar spiss minn darba kull sitt xhur.

Diretturi barra mill-Gvernatur u mid-Deputati Gvernaturi.
*Emendat: XIX. 1974.3; XVII. 2002.71. Sostitwit: I. 2007.12. Emendat: XIII. 2013.8; XII.2021.6.*

**9.** (1) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kelma direttur għandha teskludi l-Gvernatur u d-Deputati Gvernaturi.

(2) Id-diretturi tal-Bank għandhom -

(*a*) jiġu nominati mill-Prim Ministru li jaġixxi fuq il-parir tal-Kabinett tal-Ministri;

(*b*) ikunu persuni ta pożizzjoni magħrufa u esperjenza professjonali f'affarijiet ekonomiċi, finanzjarji jew bankarji;

(*ċ*) jibqgħu fil-kariga għall-perijodu ta' ħames snin u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif jista' jiġi muri fl-ittra tan-nomina rispettiva tagħhom, u jkunu jistgħu jerġgħu jiġu nominati;

(*d*) ikunu intitolati għal dak l-onorarju kif il-Prim Ministru jista' jistabbilixxi.

(3) Ħadd ma għandu jiġi nominat jew jibqa' direttur jekk -

(*a*) ikun membru tal-Kamra tad-Deputati;

(*b*) ikun direttur jew funzjonarju salarjat f'istituzzjoni liċenzjata biex tipprovdi servizzi finanzjarji jew bankarji jew azzjonista fl-istess istituzzjoni għal aktar minn wieħed fil-mija tal-kapital azzjonarju ordinarju mħallas;

(*ċ*) ikun uffiċjal fis-servizz pubbliku;

(*d*) skont il-liġi ta' xi pajjiż ikun dikjarat fallut b'sentenza jew ikun għamel akkordju mal-kredituri tiegħu jew ikun inabilitat skont il-liġi jew ikun ġie misjub ħati ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' qerq jew talli xjentement ikun irċieva proprjetà miksuba b'serq jew b'qerq;

(*e*) ikollu xi pożizzjoni oħra, jew xort'oħra jkun f'pożizzjoni, li tkun f'konflitt mad-dmirijiet tiegħu bħala direttur taħt dan l-Att.

(4) Direttur jista' jinħeles mill-kariga abbażi ta' inkapaċità li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, jew minħabba f'imġieba ħażina; u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, nuqqas ta' attendenza kostanti u mhux ġustifikat għal-laqgħat tal-Bord jista' jitqies bħala li jikkostitwixxi mġieba ħażina.

Żvelar ta' interess.
*Emendat: XVII. 2002.72.*

**10.** (1) Direttur li jkun direttament jew indirettament interessat, ħlief bħala direttur jew flimkien ma' diretturi oħra, f'kuntratt magħmul jew maħsub li jsir mill-Bank għandu jiddikjara x-xorta tal-interess tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-Bord li fiha jkun preżenti wara li jsir jaf bil-fatti rilevanti.

(2) Kull dikjarazzjoni magħmula skont is-subartikolu ta' qabel dan għandha tiġi reġistrata fil-minuti tal-Bord u, wara d-dikjarazzjoni, dak id-direttur għandu jirtira mill-laqgħa waqt li l-Bord jiddiskuti jew jiddeċiedi dwar dak il-kuntratt.

(3) Ebda direttur ma għandu jirċievi konċessjoni ta' kreditu mill-Bank waqt il-perijodu tal-kariga tiegħu.

Skwalifika, riżenja u mili ta' vakanzi.
*Emendat:*
*XIX. 1974.4;*
*XXVI. 1994.7;*
*XVII. 2002.73;*
*I. 2007.13.*

**11.** (1) Direttur jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu billi jagħti avviż bil-miktub lill-Prim Ministru ta' mill-anqas tliet xhur dwar il-ħsieb tiegħu.

(2) Jekk direttur imut, jew jirriżenja jew xort'oħra jivvaka l-kariga tiegħu qabel l-iskadenza tal-perijodu li għalih ikun ġie nominat, għandha tiġi nominata persuna oħra minfloku skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 jew 9, skont il-każ.

Proċedura u *quorum* tal-Bord.
*Emendat:*
*I. 2007.14;*
*XIII. 2013.9.*

**12.** (1) Il-laqgħat tal-Bord għandhom isiru hekk spiss kemm jista' jkun hemm bżonn iżda bi frekwenza ta' mhux anqas minn għaxar darbiet fis-sena, u ma għandux ikun hemm intervall ta' aktar minn xahrejn bejn laqgħa tal-Bord u l-laqgħa ta' wara.

(2) Il-laqgħat tal-Bord għandhom jiġu msejħa mill-Gvernatur jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' tnejn mid-diretturi l-oħra.

(3) Il-Gvernatur għandu jippresjedi bħala *chairman* fil-laqgħat tal-Bord u, fl-assenza tiegħu minn xi laqgħa, għandu jippresjedi Deputat Gvernatur; u ebda deċiżjoni li tittieħed f'laqgħa tal-Bord ma tkun valida jekk fiha ma jkun hemm la l-Gvernatur u l-anqas id-Deputati Gvernaturi.

(4) Ħames membri tal-Bord, fejn wieħed minnhom ikun jew il-Gvernatur u d-Deputati Gvernaturi, għandhom jiffurmaw *quorum* ta' laqgħa.

(5) Ebda att jew proċedura tal-Bord ma tkun invalida minħabba biss l-eżistenza ta' vakanza jew vakanzi fost id-diretturi.

(6) Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-voti tad-diretturi preżenti u li jivvotaw. Iċ-*chairman* ikollu vot inizjali u, fil-każ ta' voti ndaqs, ikollu u jeżerċita vot deċiżiv.

(7) L-atti kollha magħmula minn xi persuna li taġixxi *in bona fede* bħala direttur ikunu validi bħallikieku kienet direttur għalkemm wara jinsab li kien hemm xi difett fin-nomina jew fil-kwalifika tagħha. Ma tistax titqajjem kwistjoni dwar ebda att jew proċedura tal-Bord minħabba l-ksur minn direttur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1).

(8) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Bord jista' jirregola l-proċedura tiegħu.

Kumitat ta' Awditjar.
*Miżjud:*
*I. 2007.15.*
*Emendat:*
*XIII. 2013.10.*

**13.** Il-Bord għandu jwaqqaf Kumitat ta' Awditjar, li jkun jippresjedi fih xi wieħed mid-diretturi li la jkun il-Gvernatur lanqas Deputati Gvernaturi, għall-finijiet li jiġi mgħejjun fit-twettiq tar-responsabbilitajiet tiegħu ta' sorveljanza, partikolarment dwar ħwejjeġ relatati mal-proċess ta' awditjar intern u estern, mas-sistema ta' maniġġar ta' riskju u kontroll intern u mal-proċess ta' rappurtar finanzjarju.

Nomina tal-persunal.
*Emendat:*
*I. 2007.3.*

**14.** In-nomina ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Bank għandha ssir mill-Bord u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif jista' jiġi stabbilit mill-Bord.

**15.** (1) Il-Bank, diretturi, funzjonarji jew impjegati tiegħu, u kull persuna oħra appuntata biex teżerċita xi funzjoni taħt dan l-Att, jew taħt xi regoli jew regolamenti magħmula taħtu, ma jkunux responsabbli għad-danni dwar dak li jsir jew jonqos milli jsir fl-eżekuzzjoni jew eżekuzzjoni maħsuba ta' xi funzjoni taħt dan l-Att, jew xi regoli jew regolamenti kif imsemmi aktar 'l fuq, kemm il-darba dak li jsir jew jonqos li jsir jintwera bħala li jkun sar jew naqas li jsir, skont il-każ, *in male fede.*

Eżenżjoni mir-responsabbilità għad-danni. *Miżjud: XXVI. 1994.8. Emendat: XVII. 2002.74; I. 2007.3.*

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw ukoll għall-Bank u għal kull direttur, funzjonarju jew impjegat tiegħu u għal kull persuna oħra maħtura mill-Bank, fil-qadi jew fil-qadi maħsub ta' xi funzjoni mogħtija lill-Bank jew lil xi direttur, funzjonarju, impjegat jew persuna oħra taħt xi liġi oħra.

**16.** Ebda salarju, dritt, paga, *allowance* jew kumpens ieħor imħallas mill-Bank ma għandu jiġi kalkolat b'riferenza għall-profitti netti jew profitti oħra tal-Bank.

Kumpens, eċċ. *Emendat: I. 2007.3.*

**17.** (1) Skond it-Trattati u l-Istatut, sabiex jilħaq l-oġġettivi tiegħu u jaqdi l-funzjonijiet tiegħu, il-ħidmiet tal-Bank għandhom jinkludu dan li ġej:

Operazzjonijiet monetarji u funzjonijiet oħra tal-Bank. *Emendat: XXIX. 1968.2; XIX. 1974.5; XX. 1981.3; XIII. 1983.3; XXXVIII. 1986.2; XI. 1988.5; XXVI. 1994.9; IX. 1997.4. Sostitwit: XVII. 2002.75. Emendat: III. 2004.89; I. 2007.3, 16; XIII. 2013.11.*

(*a*) ftuħ ta' kontijiet għal persuni kif previst f'dan l-Att, u, f'każijiet speċjali, għal persuni oħra bl-approvazzjoni minn qabel tal-Bord;

(*b*) żamma ta' kontijiet ma' banek ċentrali jew istituzzjonijiet ta' kreditu u aġenti domestiċi jew barranin oħra, u jaġixxi ta' korrispondent, bankier jew aġent għal xi bank ċentrali jew istituzzjoni ta' kreditu oħra jew awtorità oħra u għal kull istituzzjoni finanzjarja internazzjonali mwaqqfa taħt trattati internazzjonali;

(*ċ*) sottoskrizzjoni għal, xiri, bejgħ, skont jew skont mill-ġdid ta' ekwità, dejn jew strumenti finanzjarji oħra kif jista' jiġi approvat mill-Bord, kemm-il darba kull interessi b'ekwità f'xi intrapriża jew proprjetà immobbli li l-Bank jista' b'xi mod jakkwista biex jitħallsu djun dovuti lilu, il-Bank għandu jiddisponi minnhom malli dan ikun possibbli;

(*d*) ħruġ, xiri, bejgħ, skont jew skont mill-ġdid ta' strumenti finanzjarji f'isem il-Bank f'dik il-forma u għal dawk it-termini ta' żmien u żmien ta' maturità kif jista' jiġi approvat mill-Bord;

(*e*) għotja lil xi istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja f'Malta self u avvanzi skont garanzija adegwata;

(*f*) għemil ta' kull ftehim kuntrattwali għal *repurchase* u *reverse repurchase*; u

(*g*) meta jidhirlu li azzjoni bħal dik tkun meħtieġa biex iħares l-istabbilità finanzjarja jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali oħra, għotja ta' self jew avvanz lil xi istituzzjoni ta' kreditu inkorporata f'Malta skont dawk il-forom ta' garanzija kif il-Bord jidhirlu adatti.

(2) Skont it-Trattati u l-Istatut, istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu

jiġu mitluba biex ikollhom riservi minimi mal-Bank, u biex jirrappurtaw dwar dan.

(3) Fl-amministrazzjoni u żamma ta' attivi finanzjarji, il-Bank jista', skont il-linji direttivi u l-istruzzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew, jagħmel kull operazzjoni li jidhirlu addatta, u b'mod partikolari jista':

(*a*) iżomm, jamministra, jakkwista u jbiegħ, jagħmel operazzjonijiet *spot* u *forward* fuq, kull xorta ta' attivi finanzjarji u metalli prezzjużi; u

(*b*) iwettaq kull xorta ta' operazzjonijiet finanzjarji ma' istituzzjonjiet lokali jew barranin jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi operazzjonijiet li jissellef jew jislef.

(4) Il-Bank jista' jimpjega l-fondi tal-persunal u tal-pensjoni u fondi oħra interni tal-Bank fi strumenti finanzjarji approvati mill-Bord.

(5) Il-Bank jista' jixtri, jakkwista jew jikri proprjetà immobbli sa fejn il-Bank jista' jqis meħtieġ jew spedjenti għall-provdiment, jew provdiment futur, ta' postijiet għat-tmexxija tan-negozju tiegħu jew ta' ħtiġiet oħra simili inċidentali għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(6) Bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, il-Bank jista' b'mod ġenerali jinnegozja bħala bank, u jagħmel il-ħwejjeġ kollha li huma inċidentali jew konsegwenzjali għall-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu jew għall-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att.

(7) (*a*) Il-Bank għandu fil-qadi tal-kompiti tiegħu bħala bank ċentrali taħt dan l-Att igawdi privileġġ speċjali fuq il-fondi kollha miżmuma fil-kontijiet tal-Bank kif ukoll kull titolu, metalli prezzjużi jew xi assi oħra li jkunu proprjetà tad-debituri tagħhom u depożitati miegħu kif ukoll fuq kull fond jew assi oħra mirhuna favur tiegħu mid-debituri tiegħu jew minn terzi biex jiggarantixxu l-obbligi tad-debituri tiegħu.

(*b*) Il-privileġġ speċjali mogħti b'dan is-subartikolu għandu jiġi qabel kull privileġġ ieħor taħt xi ligi oħra u minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-fondi u assi oħra suġġetti għal dak il-privileġġ għandhom ikunu applikati biex jissodisfaw id-dejn dovut lill-Bank qabel kull pretensjoni oħra.

(*ċ*) Il-Bank jista', wara li tkun saret in-notifika minn qabel lid-debitur, japplika kull fond jew assi bħal dawk għas-sodisfazzjoni tad-djun dovuti lilu mingħajr il-ħtieġa ta' xi awtorizzazzjoni jew sanzjoni oħra minn xi qorti jew awtorità oħra, u jista' wkoll, għal dak l-għan, jiddisponi minn l-assi kollha bħal dawk li jkunu miżmuma minn jew mirhuna favur tiegħu u japplika d-dħul minn dak id-disponiment direttament biex jissodisfa l-pretensjonijiet tiegħu.

(8) Id-drittijiet tal-Bank ta' xi titolu kollaterali li jiġi provdut lilu minn xi debitur jew kontroparti oħra ma għandhomx jiġu

milquta bil-proċedimenti ta' insolvenza kontra dak id-debitur jew kontroparti, u dak it-titolu kollaterali jista' jiġi realizzat mill-Bank biex jissodisfa d-drittijiet tiegħu.

Politika makroprudenzjali. *Miżjud: XIII. 2013.12.*

**17A.** (1) Skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati u l-Istatut, il-Bank jista' joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi sabiex jiġu implimentati l-politika u l-istrumenti makroprudenzjali.

(2) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra rigward tibdil ta' informazzjoni taħt it-Trattati u l-Istatut jew kull att legali maħruġ taħthom, il-Bank jista' abbażi ta' xi ftehim internazzjonali jew meta jsir xi ftehim ta' reċiproċità, jew xort'oħra sabiex biex jiġu mwettqa l-obbligi internazzjonali tiegħu fir-rigward ta' sorveljanza makroprudenzjali, jikkopera mal-Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku u, jekk meħtieġ, ma' awtoritajiet makroprudenzjali oħra nazzjonali jew internazzjonali, fil-bdil ta' informazzjoni meta dan ikun meħtieġ biex tiġi assigurata sorveljanza makroprudenzjali effettiva.

Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja. *Miżjud: XIII. 2013.13.*

**17B.** (1) Għandu jkun hemm Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja li huwa korp stabbilit bil-għan li jassigura kooperazzjoni effettiva bejn il-Bank u l-awtorità kompetenti fil-qasam tal-istabilità finanzjarja u li jkollu l-funzjonijiet skont dan l-Att.

(2) Il-Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja għandu jkun magħmul mill-Gvernatur tal-Bank, li jkun iċ-*Chairman* u fl-assenza tiegħu Deputat Gvernatur tal-Bank responsabbli mill-istabilità finanzjarja li jippresiedi, żewġ rappreżentanti oħra tal-Bank u żewġ rappreżentanti tal-awtorità kompetenti.

(3) Il-Ministru jista' jappunta rappreżentant biex jipparteċipa bħala osservatur bla vot għal-laqgħat tal-Bord Konġunt dwar l-Istabbilità Finanzjarja. Iċ-*Chairman* jista' jsejjaħ osservaturi oħra bla vot.

(4) Bla ħsara għat-Trattati, l-Istatut u kull att legali maħruġ taħthom, il-Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja għandu jkollu l-funzjoni li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti f'materji li jħallu impatt fuq l-istabilità finanzjarja, inkluż il-politika makroprudenzjali u, meta rilevanti, l-istrumenti mikroprudenzjali. Il-Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja għandu jkollu ukoll dawn il-funzjonijiet:

(*a*) li jifformula rakkomandaz-zjonijiet ta' *policy* li huma ddiżinjati li jħarsu l-istabilità tas-sistema finanzjarja u li jistgħu jiġu kkomunikati lil awtorità pubblika relevanti jew lil istituzzjoni pubblika;

(*b*) li jiddentifika u jassessja l-istrumenti makroprudenzjali, u fejn relevanti l-istrumenti mikroprudenzjali li jeħtieġu li jiġu implimentati biex jnaqqsu jew jikkontrollaw riskju ta' potenzjal sistemiku jew riskji oħra fis-sistema finanzjarja;

(*ċ*) li jagħti parir fuq jekk jew kif awtorità jew istituzzjoni pubblika għandha taġixxi ma' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja, meta l-materja tidher li hi għall-Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja rilevanti għall-istabilità tas-sistema finanzjarja;

u kull rakkomandazzjoni bħal din, avviż jew *assessment* magħmul mill-Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja għandha tiġi meħuda in konsiderazzjoni minn awtorità pubblika jew istituzzjoni pubblika ġewwa Malta fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha. Għandu jkun id-dmir ta' kull awtorità pubblika jew istituzzjoni pubblika li tikseb l-opinjoni tal-Bord Konġgunt dwar l-Istabilità Finanzjarja qabel ma teżerċita l-funzjonijiet tagħha f'materji li jħallu impatt fuq l-istabilità finanzjarja.

(5) Il-Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja għandu jiltaqa' hekk spiss kemm jista' jkun hemm bżonn iżda bi frekwenza ta' mhux anqas minn darba kull tliet xhur. Il-laqgħat tal-Bord għandhom jiġu msejħa miċ-*Chairman* jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba bil-miktub ta' tlieta mill-membri l-oħra.

(6) Il-Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja jista' jaġixxi minkejja xi vakanza fost il-membri kemm-il darba jkun hemm *quorum* li jikkonsisti ta' mhux anqas minn tliet membri preżenti għal-laqgħa inkluż membru tal-awtorità kompetenti.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Bord Konġunt dwar l-Istabilità Finanzjarja għandu jirregola l-proċedura tiegħu.

Trasferiment u tagħrif jew informazzjoni.
*Miżjud: XVII. 2002.77. Emendat: I. 2007.3, 17. Sostitwit; XIII. 2013.14.*

**18.** Mingħajr preġudizzju għat-Trattati, l-Istatut jew xi atti legali maħruġa taħthom, kull tagħrif jew informazzjoni li jiġu trasferiti ġewwa l-Bank u, jew bejn il-Bank u persuni jew entitajiet oħra taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew direttivi maħruġa taħtu, għandhom ikunu trasferibbli mingħajr ebda restrizzjoni jew limitazzjoni minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, partikolarment imma mhux biss dwar segretezza u kunfidenzjalità, sakemm dan it-tagħrif jew informazzjoni jżommu l-i*status* tagħhom ta' segretezza u kunfidenzjalità għal effetti u skopijiet oħra.

## TAQSIMA III

### DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

Kapital u Riżervi.
*Sostitwit: XXVI. 1994.11. Emendat: XVII. 2002.78; I. 2007.3, 18.*

**19.** (1) Il-kapital awtorizzat tal-Bank ikun ta' għoxrin miljun euro li jkun kollu mħallas għal kollox u miżmum esklussivament mill-Gvern.

(2) Il-Bank għandu jżomm Fond Ġenerali ta' Riserva li ma għandux ikun ta' inqas minn għoxrin miljun euro u li jkun disponibbli għal kull skop skont ma jista' jkun deċiż mill-Bord. Meta l-ammonti jittieħdu mill-Fond Ġenerali ta' Riserva, dawn għandhom jiġu sostitwiti, skont ma jista' jkun deċiż mill-Bord, mill-profitti tal-Bank li jsiru fis-snin sussegwenti.

Verifika.
*Emendat: XVI. 1997.7; XVII. 2002.80; I. 2007.3, 19.*

**20.** Skond l-artikolu 27 tal-Istatut, il-kontijiet tal-Bank għandhom jiġu verifikati minn udituri esterni indipendenti nominati mill-Bord kif rakkomandat mill-Bank Ċentrali Ewropew u approvat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Kontijiet annwali.
*Emendat:*
*XX. 1981.7;*
*XI. 1988.9;*
*XVII. 2002.81;*
*I. 2007.3, 20'*
*XIII. 2013.15.*

**21.** (1) Is-sena finanzjarja tal-Bank tibda fl-ewwel ta' Jannar u tagħlaq fil-wieħed u tletin ta' Diċembru.

(2) Il-Bank għandu, kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tagħlaq is-sena finanzjarja tal-Bank, jibgħat lill-Ministru -

(*a*) kopja tal-kontijiet annwali awtentikati mill-udituri; u

(*b*) rapport dwar l-operazzjonijiet tiegħu matul dik is-sena,

u għandu jippubblika r-rapport imsemmi fil-paragrafu (*b*).

(3) Il-Ministru għandu, kemm jista' jkun malajr u, relattivament għall-ħtieġa tal-paragrafu (*a*), mhux aktar tard mill-ewwel seduta tal-Kamra tad-Deputati wara is-sebgħa ta' April -

(*a*) jara li kopja tal-kontijiet annwali u tar-rapport imsemmija fuq titqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati; u

(*b*) jara li kopja tal-kontijiet annwali tal-Bank tiġi pubblikata fil-Gazzetta.

(4) Il-Bank għandu, kemm jista' jkun malajr wara l-aħħar ġurnata tax-xogħol ta' kull xahar, jagħmel u jippubblika prospett tal-attiv u tal-passiv tiegħu kif ikun fl-egħluq tan-negozju f'dik il-ġurnata. Kopja tal-prospett għandha tiġi mibgħuta lill-Ministru li għandu jara li tiġi pubblikata fil-Gazzetta.

(5) Il-Bank għandu jobdi r-regoli dwar il-kontijiet u r-rapporti kif jiġu mwaqqfa mill-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew taħt l-artikolu 26(4) tal-Istatut.

Kif jiġu stabbiliti u allokati profitti.
*Emendat:*
*X. 1968.2;*
*XIX. 1974.8.*
*Sostitwit:*
*XX. 1981.8.*
*Emendat:*
*XXXVIII. 1986.4;*
*XI. 1988.10;*
*XXVI. 1994.14;*
*XVII. 2002.82;*
*I. 2007.3, 21.*

**22.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-profitti netti tal-Bank ta' kull sena finanzjarja għandhom jiġu stabbiliti mill-Bank wara li titħallas in-nefqa kollha għal dik is-sena u wara li jsir dak il-provvediment kif jidhirlu xieraq għal krediti ineżiġibbli u dubbjużi, għal deprezzament fl-attiv, għal kontribuzzjonijiet għall-fondi tal-persunal u tal-pensjoni u għar-riservi u kontinġenzi l-oħra kollha.

(2) Wara li jsiru dawk l-allokazzjonijiet kif jiġi stabbilit mill-Bank taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-bqija tal-profitti netti stabbiliti kif intqal qabel għandhom jitħallsu lill-Gvern.

## TAQSIMA IV

## ĠBIR TA' STATISTIKA U INFORMAZZJONI OĦRA

*Sostitwit:*
*XIII. 2013.16.*

Ġbir ta' informazzjoni statistika u informazzjoni oħra.
*Miżjud: XVII. 2002.83. Emendat: I. 2007.3, 22. Sostitwit: XIII. 2013.17. Emendat: XXX.2020.4.*

**23.** (1) Bla ħsara għall-funzjoni tal-Bank li jiġbor informazzjoni statistika taħt it-Trattati u l-Istatut u kull att legali maħruġ taħthom, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36(2), il-Bank jista' jeħtieġ kull persuna jew entità li hi liċenzjata, awtorizzata jew reġistrata minn awtorità kompetenti, kull fergħa ta' persuni legali barranin, jew kull persuna jew entità oħra, kif jista' jiġi determinat mill-Bank, biex jipprovdi lill-Bank dik l-informazzjoni statistika jew informazzjoni oħra li l-Bank jidhirlu meħtieġa sabiex jaqdi l-funzjoni tiegħu taħt dan l-Att jew kull Att ieħor, inkluż informazzjoni relatata mal-funzjoni tal-politika makroprudenzjali, u l-Bank jista' jistħarreġ u jitlob kjarifiki dwar kull informazzjoni hekk provduta:

Iżda l-Bank jista' jipprovdi lil kull persuna deskritta taħt is-subartikolu (1) dik l-informazzjoni statistika jew informazzjoni oħra li l-Bank jidhirlu meħtieġa sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att jew kull Att ieħor.

(2) Ikun id-dmir ta' kull persuna jew entità li huma meħtieġa li jipprovdu lill-Bank informazzjoni statistika jew informazzjoni oħra li jħarsu dik il-ħtieġa, mingħajr il-possibbiltà li jinvokaw xi restrizzjoni professjonali jew ta' segretezza.

(3) Il-Bank jista' joħroġ direttivi li jipprovdu għal definizzjoni u obbligi biex isiru rapporti, biex jiġu stabbiliti standards ta' kif tintbagħat informazzjoni u l-preċiżjoni tagħha, is-salvagwardji li għandhom ikunu fis-seħħ u l-kundizzjonijiet li taħthom il-jedd għall-verifika u għall-ġbir obbligatorju ta' informazzjoni statistika u informazzjoni oħra jistgħu jitwettqu taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (4).

(4) Il-Bank ikollu l-jedd li jivverifika l-preċiżjoni u l-kwalità tal-informazzjoni statistika u informazzjoni oħra mogħtija taħt dan l-artikolu, u li jwettaq ġbir obbligatorju tagħha. Il-jedd li tkun verifikata informazzjoni statistika u informazzjoni oħra jew li jitwettaq il-ġbir obbligatorju tagħha jinkludi l-jedd li:

(*a*) jitlob is-sottomissjoni ta' dokumenti;

(*b*) jeżamina l-kotba u r-*records* tal-persuni jew entitajiet imsemmija fis-subartikolu (1);

(*ċ*) jieħu kopji jew estratti minn dawk il-kotba jew dawk ir- *records*; u

(*d*) jikseb spjegazzjonijiet bil-miktub jew verbali.

Kull riferenza għal dokumenti, kotba jew *records* taħt dan l-artikolu tinkludi riferenza għall-forma elettronika ta' kull dokument, ktieb jew *records* bħal dawk.

(5) Ħlief kif provdut taħt it-Taqsima VIII u t-Taqsima IX, informazzjoni miġbura taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun suġġetta għas-segretezza professjonali.

(6) Kull meta jidhirlu meħtieġ biex iwettaq il-kompiti tiegħu taħt dan l-Att jew taħt xi Att ieħor, il-Bank għandu jħejji u jippubblika dikjarazzjonijiet, li jikkonsolidaw u, jew jgħaqqdu flimkien informazzjoni statistika u informazzjoni oħra mogħtija taħt dan l-artikolu u, meta meħtieġ, taħt l-artikolu 36(1).

(7) Id-dmir ta' kull awtorità pubblika li tikkonsulta mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika taħt l-artikolu 39(2) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta meta tagħmel attivitajiet b'implikazzjonijiet ta' statistika m'għandux japplika għall-Bank fir-rigward tal-qadi tal-kompiti tiegħu taħt dan l-Att. Kap. 422.

Stabbiliment ta' Reġistru Ċentrali tal-Kreditu. *Miżjud: XVII. 2002.83. Emendat: I. 2007.3, 23; IV. 2007.17. Imħassar: XIII. 2013.18. Sostitwit: IX. 2016.3. Emendat: XXX.2020.5.*

**24.** (1) Għandu jkun hemm stabbilit Reġistru Ċentrali tal-Kreditu (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "Reġistru") fil-Bank li jinkludi fih informazzjoni granulari li mhix anonimizzata fuq espożizzjonijiet attwali u kontinġenti li jirriżultaw minn faċilitajiet ta' kreditu u faċilitajiet oħra mogħtija lill-persuni fiżiċi u legali jew entitajiet, residenti jew mhux residenti f'Malta, sabiex jintuża għall-għanijiet li ġejjin:

(*a*) ċentralizzazzjoni ta' informazzjoni fuq espożizzjonijiet ta' kreditu;

(*b*) analiżi tal-istabilità finanzjarja;

(*ċ*) implimentazzjoni tal-politika monetarja;

(*d*) kumpilazzjoni tal-istatistika; u

(*e*) faċilitar tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

(2) Il-Bank jista' joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi li jimponu rekwiżiti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet oħra , inkluż lill-Bank Malti ta' Żvilupp sabiex jaqdi l-funzjoni tiegħu taħt l-Att dwar il-Bank Malti ta' Żvilupp,sabiex jipprovdu informazzjoni fir-rigward tar-Reġistru u jiddefinixxu kundizzjonijiet għall-aċċess tal-informazzjoni miżmuma fuq ir-Reġistru. It-trasferiment tal-informazzjoni għal u mir-Reġistru taħt il-kundizzjonijiet stipulati mid-direttivi tal-Bank m'għandhomx jitqiesu li qed jiksru s-segretezza bankarja u l-obbligu tal-kunfidenzjalità taħt kwalunkwe liġi oħra; sakemm l-istituzzjonijiet u entitajiet oħra li ġew mogħtija aċċess għall-informazzjoni miżmuma fir-Reġistru jassiguraw li l-informazzjoni hija protetta kontra l-użu ħażin u tibqa' sigrieta bħallikieku kienet informazzjoni li tirrigwarda l-klijenti tagħhom. Kap. 574.

(3) Persuni li jissellfu għandhom id-dritt li jkollhom estratt tal-informazzjoni miżmuma fuqhom fir-Reġistru.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 41, il-Bank jista' jipprovdi aċċess għall-informazzjoni miżmuma fir-Reġistru:

(*a*) fuq bażi ta' arranġamenti ta' reċiproċità lill-banek ċentrali u istituzzjonijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u lill-istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea, li joħolqu *databases* komparabbli mar-Reġistru;

(*b*) lill-Awtorità dwar l-Elenku sabiex taqdi l-funzjoni tagħha taħt it-Taqsima III tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji; Kap. 345.

(*ċ*) lill-Borża ta' Malta sabiex taqdi l-funzjoni tagħha;

(*d*) u lil kwalunkwe istituzzjoni oħra li l-Bank jidhirlu meħtieġa:

Iżda l-kundizzjonijiet ta' aċċess għal din l-informazzjoni u r-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità fl-Istat Membru inkwistjoni jilħqu l-

kriterji stabbiliti f'dan l-Att.

(5) Il-Bank jista' jimponi tariffi għall-informazzjoni provduta jew għall-aċċess mogħti lill-istituzzjonijiet, persuni jew entitajiet oħra għar-Reġistru.

Kap. 422.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta, il-Bank jista' jitlob lid-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika sabiex jgħaddilu informazzjoni mhux finanzjarja fil-pussess tiegħu jew aċċessibbli minnu u li hija neċessarja għall-Bank fil-qadi ta' dmirijietu fir-rigward tar-Reġistru u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika għandu jikkonforma ma' din it-talba.

(7) Il-Bank għandu jgħaddi estratti tal-informazzjoni mhux finanzjarja kif irreġistrata li waslet taħt is-subartikolu (6) lill-uffiċjali awtorizzati ġejjin minn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet oħra u huma meħtieġa jużaw din l-informazzjoni biss għall-iskop tas-subartikolu (1) sal-limitu u l-livell ta' dettall neċċessarju għat-twettiq ta' dmirijiethom.

Awtorità superviżorja ta' aġenziji ta' referenza dwar kreditu. *Miżjud: XXX.2020.6.*

**24A.** (1) Il-Bank hu l-awtorità superviżorja tal-aġenziji ta' referenza dwar kreditu għall-għanijiet biss li jissorvelja l-ħruġ ta' punteġġi ta' kreditu, li għandhom jinkludu informazzjoni granulari mir-Reġistru stabbilit taħt l-artikolu 24:

Iżda s-setgħat ta' superviżjoni mogħtija lill-Bank jinkludu spezzjonijiet kemm fuq il-post jew lil hinn mill-post li jsiru fil-fond tal-aġenzija ta' referenza dwar kreditu, u f'kull fergħa, aġent jew uffiċċju li jkunu jipprovdu attivitajiet magħmula taħt il-liċenzja u taħt ir-responsabbiltà tal-aġenzija ta' referenza dwar kreditu.

(2) Il-Bank jista' joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi li jkun jidhirlu xierqa sabiex jingħataw effett id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(3) Kull aġenzija ta' referenza dwar kreditu għandha tkun soġġetta għal ħlas ta' dritt superviżorju annwali hekk kif jista' jiġi preskritt, li għandu jitħallas mal-għoti tal-liċenzja u, wara dan kull sena fl-anniversarju tad-data tal-għoti tal-liċenzja.

## TAQSIMA V

### RELAZZJONIJIET MAL-GVERN

Konsulent tal-Gvern. *Emendat: XVII. 2002.84.*

**25.** Il-Bank għandu jagħti parir lill-Gvern b'mod ġenerali fuq materji finanzjarji u ekonomiċi.

Bankier tal-Gvern. *Emendat: XVII. 2002.85; I. 2007.24; XIII. 2013.19.*

**26.** (1) Il-Bank jista' jaġixxi bħala bankier tal-Gvern u jista' jiftaħ kontijiet għall-Gvern.

(2) Il-Bank jista' jiftaħ kontijiet għal fondi, korporazzjonijiet u istituzzjonijiet kontrollati mill-Gvern jew imwaqqfin b'liġi u jista' jaġixxi bħala bankier għal kull fond, korporazzjoni u istituzzjoni tali.

**27.** (1) Il-Bank ma għandux jagħti *overdrafts* jew xi xorta oħra ta' faċilità ta' kreditu lill-istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni Ewropea jew lill-gvern jew lil xi intrapriża pubblika jew korpi regolati bil-liġi amministrattiva, jew lil xi awtorità pubblika jew korporazzjoni li tkun proprjetà tal-gvern ta' kull Stat Membru, lanqas ma l-Bank għandu jixtri direttament l-istrumenti tad-dejn tagħhom.

Projbizzjoni ta' finanzjament tas-settur pubbliku. *Sostitwit: XXVI.1994.15; XVII. 2002.86. Emendat: I. 2007.25; XIII. 2013.20.*

(2) Istituzzjonijiet ta' kreditu kontrollati mill-Gvern għandhom jingħataw l-istess trattament bħal istituzzjonijiet ta' kreditu oħra dwar il-provvista ta' riservi.

**28.** Skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u b'konformità mad-dmirijiet u l-funzjonijiet tiegħu, il-Bank jista', b'mod ġenerali, jaġixxi bħala aġent tal-Gvern.

Bank bħala aġent tal-Gvern. *Sostitwit: XVII. 2002.86; I. 2007.26.*

**29.** Il-Bank għandu jżomm lill-Ministru informat dwar il-politika tal-Bank:

Informazzjoni lill-Ministru. *Emendat: I. 2007.3, 27.*

Iżda:

(*a*) dan ma għandux iwassal għal indħil fl-indipendenza tal-membri tal-korpi deċiżjonali tal-Bank;

(*b*) l-istatus speċjali tal-Gvernatur fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-Kunsill Regolatorju u l-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew jiġi rispettat; u

(*ċ*) l-obbligi ta' kunfidenzjalità li joħorġu mill-Istatut jiġu mħarsa.

## TAQSIMA VI

### RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU U DAWK FINANZJARJI

**30.** (1) Il-Bank jista' jaġixxi bħala bankier ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji f'Malta u jista' jiftaħ kontijiet għal istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji.

Bankier ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji. *Sostitwit: XXIX. 1968.4. Emendat: XXVI. 1994.18; XVII. 2002.89; I. 2007.3; XIII. 2013.21.*

(2) Il-Bank jista' wkoll jiftaħ kontijiet f'istituzzjonijiet ta' kreditu.

**31.** (1) Il-Bank jista' jinnomina istituz-zjoni ta' kreditu jew finanzjarja waħda jew aktar f'Malta biex jagħmluha ta' aġent tiegħu għall-ħruġ, ħruġ mill-ġdid, tibdil u rtirar ta' biljetti tal-flus u ta' munita, jew għal skopijiet oħra, taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif jista' jkun miftiehem bejn il-Bank u kull waħda minn dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji l-oħra.

Istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji oħra bħala aġenti. *Emendat: XVII. 2002.90; I. 2007.3. Sostitwit: XIII. 2013.22.*

(2) Il-Bank jista' jinnomina aġent wieħed jew iktar biex jipprovdu servizzi relatati mal-ħażna, awtentikazzjoni, proċessar, għadd u ppakkjar ta' biljetti ta' flus u munita.

Depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mal-Bank.
*Emendat: LVIII. 1974.68; A.L. 148 tal-1975; XXVI. 1994.20; XXIV. 1995.362; IX. 1997.4.*
*Sostitwit: XVII. 2002.92.*
*Emendat: III. 2004.91; I. 2007.3, 28.*

**32.** (*Imħassar bl-Att XIII. 2013.24.*).

Rati ta' imgħax ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji.
*Emendat: LVIII.1974.68; A.L. 148 tal-1975; XXVI. 1994.21; XXIV.1995.362.*
*Sostitwit: XVII. 2002.92.*
*Emendat: I. 2007.3.*

**33.** (*Imħassar bl-Att XIII. 2013.25.*).

## TAQSIMA VII

## XENARJU TAL-PAGAMENTI

*Sostitwit: XIII. 2013.23; XXX.2020.7.*

Sistemi ta' pagamenti.
*Sostitwit: XVII. 2002.92.*
*Emendat: III. 2004.90; I. 2007.3, 29; XIII. 2013.26; XXX.2020.*

**34.** (1) Il-Bank għandu, skont it-Trattati u l-Istatut, jissorvelja u jirregola l-operat ta' u l-parteċipazzjoni fi, sistemi ta' pagamenti domestiċi kif ukoll kull xorta ta' operazzjonijiet ta' flus jew titoli, sew jekk domestiċi jew ma' barra, li jkun involut fihom, u jista' hu stess jistabbilixxi u jopera sistema ta' pagament bħal dik.

(2) Ebda persuna m'għandha torganizza, twaqqaf, topera jew tipparteċipa f'sistema domestika ta' pagament għajr jekk dik is-sistema hija liċenzjata u awtorizzata mill-Bank u, bla ħsara għas-subartikolu (3) u artikolu 56(2) jew penali oħra li jistgħu jiġu imposti taħt l-Att, il-Bank għandu d-dritt li jordna -

(*a*) l-għeluq ta' sistema domestika ta' pagament li ġiet mwaqqfa, jew qed topera, mingħajr l-approvazzjoni neċessarja, u

(*b*) is-sospensjoni ta' operazzjonijiet ta' sistema domestika ta' pagament approvata jew ir-revoka ta' approvazzjoni mogħtija mill-Bank f'każijiet fejn sistema domestika ta' pagament hija jew kienet qiegħda topera bi ksur ta' din l-approvazzjoni, jew xi terminu jew kondizzjoni imposta mill-Bank,

u l-persuna konċernata għandha timxi ma' dawn l-ordnijiet maħruġa mill-Bank.

(3) Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u erbgħin elf euro jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Ebda proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (3) ma

għandhom jinbdew mingħajr il-kunsens tal-Avukat Ġenerali.

(5) Il-Bank jista' joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi dwar kull wieħed mill-għanijiet jew l-għanijiet kollha msemmija fis-subartikolu (1) magħduda, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, ir-regolamentazzjoni ta' *clearing houses*, aġenti għas-*settlement* u parteċipanti f'sistemi ta' pagament kif ukoll l-infurzar legali ta' ħlasijiet magħmula permezz ta' dawk is-sistemi u l-kollaterali li jingħata f'konnessjoni mal-operat ta' sistema ta' pagament bħal dik:

Iżda s-setgħat tal-Bank sabiex joħroġ direttivi taħt dan dan is-subartikolu għandhom jiġu eżerċitati skont it-Trattati, l-Artikolu 22 tal-Istatut u kull regolament maħruġ taħtu.

(6) Kemm-il-darba ma jkunx provdut xort'oħra fid-direttivi magħmula bis-saħħa tas-subartikolu (5), pagamenti, *set-off* jew *netting* magħmul permezz ta' jew f'sistema ta' pagament, magħdud kull kollaterali mogħti minn parteċipant in konnessjoni ma' xi sistema bħal dik, għandu, minkejja kull liġi oħra dwar falliment jew insolvenza jew ir-regolamentazzjoni u l-infurzar ta' kollaterali jew xort'oħra li tirregola l-validità ta' dawk il-pagamenti, *set-off* jew *netting* u l-għoti ta' kollaterali, ikun finali u jorbot lill-partijiet kollha tiegħu u ma jistax ikun attakkat jew impunjat f'xi qorti. Sal-limitu speċifikat mill-Bank f'direttivi msemmija hawn qabel, kull ordni ta' pagament, *set-off* jew *netting* magħmul permezz jew f'sistema ta' pagament minn parteċipant u kull kollaterali mogħti in konnessjoni ma' sistemi bħal dik ma għandhomx, minkejja kull liġi oħra kif intqal qabel, ikunu suġġetti għal mandat ta' sekwestru jew ta' qbid, lanqas għal mandat ta' inibizzjoni maħruġa fuq it-talba tal-kredituri tal-parteċipant.

Servizzi ta' pagament.
*Miżjud: XIII. 2013.27.*
*Emendat: XXX.2020.9.*

**34A.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, l-Istatut u kull att legali maħruġ taħthom, il-Bank għandu, sabiex jippromwovi l-iżvilupp stabbli u sostenibbli tax-xenarju tal-pagamenti f'Malta, jissorvelja u jirregola l-forniment ta' servizzi ta' pagament f'Malta, l-applikazzonijiet ta' pagament, skemi ta' kard ta' pagament, u transazzjonijiet ta' pagament minn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji.

(2) Ebda istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja ma għandha tipprovdi servizzi taħt is-subartikolu (1) kemm-il darba ma tinnotifikax lill-Bank.

(3) Il-Bank għandu jkollu s-setgħa li jagħmel reviżjoni tar-regoli u l-proċeduri stabbiliti rigward kull servizz ta' pagament, applikazzjoni ta' pagament, skema ta' kard ta' pagament, u transazzjoni ta' pagament ġewwa Malta, u meta jagħmel dan jista' jinħtieġ l-assistenza kollha u l-kollaborazzjoni ta' kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja skont ma jista' jkun meħtieġ sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 56(2) jew kwalunkwe penali oħra li jistgħu jiġu imposti taħt dan l-Att, il-Bank għandu d-dritt li:

(*a*) jagħmel ordni sabiex jirrestrinġi istituzzjoni ta' kreditu

jew istituzzjoni finanzjarja milli tieħu jew tkompli tieħu xi azzjoni li titqies mill-Bank li tmur kontra l-iżvilupp u l-provdiment stabbli u sostenibbli tax-xenarju tal-pagamenti f’Malta;

(*b*) jissospendi l-forniment ta’ servizz ta’ pagament, applikazzjoni ta’ pagament, skema ta’ kard ta’ pagament, u transazzjoni ta’ pagament, meta istituzzjoni ta’ kreditu, jew istituzzjoni finanzjarja, tonqos li tosserva xi ordni jew rekwiżit leġittimu tal-Bank, u l-Bank jista’ jippubblika l-fatt li l-istituzzjoni ta’ kreditu jew l-istituzzjoni finanzjarja qiegħda tonqos milli tosserva xi ordni jew ħtieġa leġittima magħmula taħt id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, u jista’ jiżvela miżuri jew sanzjonijiet imposti fuq kull istituzzjoni:

Iżda l-informazzjoni pubblikata kif hawn f’dan is-subartikolu għandha tibqa’ fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-Bank għal perjodu ta’ mhux inqas minn tliet snin.

(5) Il-Bank jista’ joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi li jimponu kundizzjonijiet dwar il-forniment ta’ servizzi ta’ pagament, applikazzjonijiet ta’ pagament, skemi ta’ kard ta’ pagament, u transazzjonijiet ta’ pagament f’Malta.

(6) Il-Bank qiegħed jiġi maħtur bħala l-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 924/2009 tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfini fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001, u għandu jkun responsabbli biex jissorvelja l-konformità ma’ dan ir-Regolament b’mod effettiv u biex jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi żgurata din il-konformità.

(7) Il-Bank qiegħed jiġi maħtur ukoll bħala l-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 260/2012 tal-14 ta’ Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta’ kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009, u għandu jkun responsabbli sabiex josserva l-konformità ma’ dan ir-Regolament b’mod effettiv u biex jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi żgurata din il-konformità.

Appelli.
*Miżjud: XVII. 2002.92. Emendat: I. 2007.3, 30. Sostitwit: XIII. 2013.28. Emendat: XLIX. 2016.3; XXX.2020.10.*

**35.** Kull persuna li:

(*a*) tħossha aggravata b’deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu mill-Bank skont l-artikoli 24A(1), 34(2), 34A(4) jew taħt xi direttiva maħruġa taħt l-artikoli 24A, 17A, 34(5) jew 34A(5);

(*b*) tkun parti f’xi kwistjoni fir-rigward ta’ drittijiet u obbligi li joħorġu minn xi direttiva maħruġa taħt l-artikoli 34(5) jew 34A(1) jew taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 924/2009 tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfini fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001; jew

(*ċ*) tkun parti f’xi kwistjoni li toħroġ minn drittijet jew

obbligi taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 260/2012 tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009; jew

(*d*) tkun ġiet imposta fuqha piena amministrattiva skont l-artikolu 56,

tista' tappella lit-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji stabbilit taħt l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għal Servizzi Finanzjarji f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet kif stabbiliti taħt dak l-Att. Kap. 330.

TAQSIMA VIII

RELAZZJONIJIET MAL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Tagħrif, eżami u rapportaġġ mill-awtorità kompetenti. *Miżjud: XXVI. 1994.22. Sostitwit: XVII. 2002.92. Emendat: I. 2007.3.*

**36.** (1) Il-Bank jista' jitlob lill-awtorità kompetenti biex tgħaddilu kull informazzjoni fil-pussess ta' jew aċċessibbli għall-awtorità kompetenti li l-Bank ikollu bżonn fil-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att jew xi Att ieħor.

(2) Il-Bank jista' bil-miktub jitlob lill-awtorità kompetenti biex teżamina, tivverifika u tissottometti rapport lill-Bank fuq kull ħaġa li l-Bank jista' b'mod raġonevoli jitlob fil-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att jew xi Att ieħor u l-awtorità kompetenti għandha tħares dik it-talba.

Informazzjoni lill-awtorità kompetenti. *Miżjud: XXVI. 1944.22. Sostitwit: XVII. 2002.92. Emendat: I. 2007.3, 32; XXX.2020.11.*

**37.** (1) Il-Bank għandu jgħaddi lill-awtorità kompetenti kull informazzjoni fil-pussess ta' jew aċċessibbli għall-Bank meta jkun hekk mitlub mill-awtorità kompetenti fil-qadi ta' dmirijietha taħt xi liġi.

(2) Il-Bank għandu jiddiskuti mal-awtorità kompetenti ħwejjeġ li jkunu jinteressaw lit-tnejn li jkunu jirriżultaw mill-informazzjoni miġbura taħt l-artikolu 23, u l-promozzjoni tal-iżvilupp stabbli u sostenibbli tax-xenarju tal-pagamenti f'Malta taħt l-artikolu 34A.

Konfidenzjalità. *Miżjud: XXVI. 1994.22. Sostitwit: XVII. 2002.92. Emendat: I. 2007.3.*

**38.** Kull informazzjoni mibdula bejn il-Bank u l-awtorità kompetenti tkun suġġetta għad-dmir tas-segretezza professjonali.

TAQSIMA IX

RELAZZJONIJIET MA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U OĦRAJN

Parteċipazzjoni f'organizzazzjoni-jiet internazzjonali u oħrajn. *Miżjud: IX. 2005.3. Emendat: I. 2007.3, 34; XIII. 2013.29.*

**39.** Skond it-Trattati u l-Istatut, il-Bank jista' jkollu ishma u jipparteċipa b'metodi oħra f'organizzazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali u jista' aktar minn hekk jipparteċipa f'pattijiet ta' ftehim internazzjonali ta' xorta monetarja, sal-limitu meħtieġ biex il-Bank ikun jista' jwettaq ħidmietu u dmirijietu taħt il-liġi u jissodisfa l-obbligi internazzjonali li jkollu.

Servizzi bankarji.
*Miżjud:*
*III. 2004.92.*
*Emendat:*
*I. 2007.3.*

**40.** Il-Bank jista’ jiftaħ kontijiet u jipprovdi servizzi bankarji lil organizzazzjonijiet internazzjonali u oħrajn barra minn Malta, inklużi l-uffiċċji rappreżentattivi tagħhom f’Malta, skont ma jista’ jkun meħtieġ biex jiġu mwettqa l-obbligi internazzjonali ta’ Malta.

Kxif ta’ informazzjoni.
*Miżjud:*
*III. 2004.92.*
*Emendat:*
*I. 2007.3, 35;*
*XIII. 2013.30.*

**41.** Bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet oħra dwar l-iżvelar ta’ informazzjoni taħt it-Trattati u l-Istatut jew atti legali maħruġa taħthom, il-Bank jista’, abbażi ta’ xi ftehim internazzjonali jew meta jsir xi ftehim ta’ reċiproċità, jew xort’oħra sabiex biex jiġu mwettqa l-obbligi internazzjonali tiegħu inklużi sitwazzjonijiet ta’ instabbilità fis-sistema finanzjarja, jgħaddi informazzjoni li jkollu lil korpi, awtoritajiet u, jew organizzazzjonijiet internazzjonali u oħrajn, meta dan ikun meħtieġ biex iwettaq dmirijietu taħt il-liġi jew biex jiġu mwettqa l-obbligi internazzjonali tiegħu:

Iżda l-korpi, awtoritajiet u, jew istituzzjonijiet li jirċievu l-informazzjoni huma marbuta li jużaw dik l-informazzjoni unikament għal dawk il-finijiet skont ma jista’ jkun speċifikament miftiehem mal-Bank:

Iżda wkoll dawk il-korpi, awtoritajiet u, jew istituzzjonijiet li lilhom tingħadda dik l-informazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal kull obbligu li ġġib magħha s-segretezza professjonali.

## TAQSIMA X

### FLUS

Ħruġ ta’ karti tal-flus euro.
*Emendat:*
*XIX. 1974.12;*
*XI. 1988.12;*
*XXVI. 1994.26;*
*XVII. 2002.95;*
*III. 2004.93;*
*I. 2007.36;*
*XIII. 2013.31.*

**42.** Il-Bank għandu joħroġ karti tal-flus euro skont l-Artikolu 128 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-artikolu 16 tal-Istatut.

Ħruġ ta’ muniti euro.
*Emendat:*
*XX. 1971.3;*
*XI. 1988.13;*
*XXVI. 1994.27;*
*XVII. 2002.96;*
*III. 2004.94;*
*I. 2007.37;*
*XIII. 2013.32.*

**43.** (1) Il-Bank għandu joħroġ muniti euro f’Malta. Fit-twettiq ta’ dan, il-Bank għandu jaġixxi ta’ aġent għall-Gvern.

(2) Il-volum ta’ ħruġ ta’ muniti euro f’Malta għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 128 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(3) Skont it-Trattati jew xi atti legali maħruġa taħthom, il-Bank għandu d-dritt uniku f’Malta li joħroġ muniti euro għan-numismatika b’valuta legali mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni, liema muniti għandhom valuta legali f’Malta biss.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) u skont it-Trattati jew xi atti legali maħruġa taħthom, il-Bank għandu d-dritt uniku f’Malta li joħroġ muniti euro għaċ-ċirkolazzjoni u muniti euro kommemorattivi għaċ-ċirkolazzjoni.

**44.** Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima, kull referenza għal "biljett tal-flus" jew "munita" hija referenza għall-karti tal-flus euro jew muniti euro u kull biljett ieħor jew munita oħra tal-flus, imsejjaħ b'isem ikun li jkun, li jkun jew tkun valuta legali fil-pajjiż barra minn Malta fejn ikun ġie maħruġ jew tkun ġiet maħruġa.

Riferenza għal biljett jew munita tal-flus. *Sostitwit: XVII. 2002.97. Emendat: III. 2004.95. Sostitwit: I. 2007.38; XIII. 2013.33.*

**45.** (*Imħassar bl-Att XLIX. 2016.4.*).

Falsifikazzjoni u tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' flejjes. *Emendat: XXVI. 1994.28; III. 2004.96.*

**46.** (*Imħassar bl-Att XLIX. 2016.4.*).

Pussess ta' biljetti tal-flus falsifikati.

**47.** (*Imħassar bl-Att XLIX. 2016.4.*).

Egħmil jew pussess ta' karta jew għodod għal falsifikazzjoni. *Emendat: XVII. 2002.98; III. 2004.97.*

**48.** (*Imħassar bl-Att XLIX. 2016.4.*).

Mutilazzjoni u sfigurazzjoni ta' karti tal-flus euro. *Emendat: XXVI. 1994.29; I. 2007.39.*

**49.** (*Imħassar bl-Att XLIX. 2016.4.*).

Reati dwar muniti. *Emendat: XXVI. 1994.30; III. 2004.981 XIII. 2013.34.*

**50.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, min ikollu għandu biljetti tal-flus jew muniti foloz ikun obbligat li jirtira miċ-ċirkolazzjoni dawk il-biljetti tal-flus jew muniti li huwa jkun jaf jew ikollu tassew għax jaħseb li dawn ikunu foloz, u għandu minnufih jikkonsenjahom lill-Bank.

Obbligu li jiġu konsenjati biljetti tal-flus u muniti foloz lill-Bank. *Miżjud: XVII. 2002.99. Sostitwit: III. 2004.99. Emendat: I. 2007.3; XIII. 2013.35; XLIX. 2016.5; XXX.2020.12.*

(2) *Cash handler* kif imsemmi fl-artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni, kif emendat sussegwentement, għandu l-obbligu li jiżgura li l-biljetti tal-flus u muniti tal-euro li huwa jirċievi u li għandu l-ħsieb li jerġa jpoġġihom fiċ-ċirkolazzjoni jiġu verifikati għall-awtentiċità u l-flus foloz jiġu skoperti. Kull flus foloz li jiġu skoperti għandhom jiġu mgħoddija immedjatament lill-Bank.

(3) Kull biljett tal-flus jew munita li l-Bank, wara li jiflihom, ikun sab li huma foloz jistgħu jiġu meqruda jew isir xort'oħra minnhom b'dak il-mod u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bank jista' jiddeċiedi dwarhom.

(4) Meta *cash handler* kif imsemmi fis-subartikolu (2), jew xi persuna oħra tikkonsenja biljetti tal-flus jew muniti lill-Bank skont is-subartikolu (1), hija fuq talba għandha tipprovdi lill-Bank l-informazzjoni dwar l-identità tal-persuna li mingħandha rċeviet dawk il-biljetti tal-flus jew muniti, kif ukoll informazzjoni dwar id-data rilevanti, il-ħin u l-mod kif ġew riċevuti. Il-provdiment ta' din l-informazzjoni għandha titqies bħala miżura neċessarja skont il-paragrafi (*d*), (*e*) u (*f*) tal-artikolu 23(1) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kap. 586.

Setgħa li joħroġ direttivi dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni tal-biljetti tal-flus u muniti tal-euro.
*Miżjud: XIII. 2013.36.*

**50A.** Il-Bank, sabiex tiġi protetta l-integrità tal-biljetti tal-flus u muniti tal-euro, u sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni BĊE/2010/14 tas-16 ta' Settembru 2010 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u ċ-ċirkolazzjoni mill-ġdid tal-karti tal-flus tal-euro u tar-Regolament 1210/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li m'humiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni, jista' joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi li jistabbilixxu regoli u proċeduri dwar l-awtentikazzjoni, il-verifika tal-kundizzjoni u ċ-ċirkolazzjoni mill-ġdid tal-karti tal-flus u muniti tal-euro. Bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, il-Bank jista', f'dawn id-direttivi, jistabbilixxi l-proċeduri biex jagħmel ispezzjonijiet fil-post, iwettaq eżerċizzju ta' moniteraġġ u jimponi rekwiżiti ta' rappurtar dwar l-awtentikazzjoni u l-verifika tal-kundizzjoni tal-biljetti tal-flus u muniti tal-euro u jista' wkoll jimponi miżuri amministrattivi sabiex jiżgura t-tħaris ta' dawn id-direttivi.

Riproduzzjoni ta' karti tal-flus euro.
*Miżjud: XXVI. 1994.31. Emendat: XVII. 2002.99; III. 2004.100; I. 2007.3, 40.*

**51.** Minkejja kull disposizzjoni fl-artikoli ta' hawn fuq, f'ċirkustanzi ġustifikati il-Bank jista', skont id-disposizzjonijiet tad-Deċiżjoni BĊE/2003/4 tal-20 ta' Marzu 2003 u fejn jara xieraq, jagħti konferma li r-riproduzzjoni ta' karta tal-flus euro hija legali.

Ġurisdizzjoni fuq ħatjin barra minn Malta.
*Miżjud: III. 2004.101. Emendat: I. 2007.3, 41; XXIV. 2014.93.*

**52.** (*Imħassar bl-Att XLIX. 2016.4.*).

Sejbien ta' ħtija li jkun sar qabel barra minn Malta.
*Miżjud: III. 2004.101. Emendat: I. 2007.3, 42; XXIV. 2014.94.*

**53.** (*Imħassar bl-Att XLIX. 2016.4.*).

Ġbir ta' informazzjoni dwar falsifikazzjoni ta' karti tal-flus euro u muniti euro.
*Miżjud: III. 2004.101. Emendat: I. 2007.3, 43.*

**54.** Għandu jkun hemm sezzjoni fil-Bank li jkollha r-responsabbiltà unika f'Malta li tanalizza karti tal-flus euro u muniti euro suspettati bħala foloz skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 fejn jingħataw miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni, skont ma jista' jkun sussegwentement emendat, u li jagħmel kull ħidma jew iwettaq kull dmir konsegwenzjali għal dan.

**55.** (*Imħassar bl-Att XLIX. 2016.4.*).

Sanzjonijiet dwar midalji u *tokens* li jixbħu l-muniti euro. *Miżjud: IX. 2005.4. Emendat: I. 2007.3, 44. Sostitwit: XIII. 2013.37.*

## TAQSIMA XI

### ĠENERALI

Penalitajiet amministrattivi. *Miżjud: XVII. 2002.100. Emendat: III. 2004.102; I. 2007.3, 45. Sostitwit: XIII. 2013.38. Emendat: IX. 2016.4; XLIX. 2016.6; XXX.2020.13.*

**56.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u l-Istatut u kull att legali maħruġ taħthom, u taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34(3) il-Bank jista’ jimponi penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu miġbura mill-Bank mingħajr rikors għal smigħ mill-Qorti u li jistgħu jiġu imposti bħala penali ta’ darba jew fuq bażi kumulattiva bil-ġurnata sakemm ikun hemm it-tħaris dwar dan li ġej:

(*a*) meta persuna jew entità tikser jew tonqos li tħares rekwiżit li jkun jinsab f’xi direttiva maħruġa taħt l-artikoli 17A, 24A, 50A jew 60A;

(*b*) meta persuna jew entità tikser jew tonqos li tħares obbligu ta’ rappurtar taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 jew 24, jew ta’ xi direttiva maħruġa taħtu;

(*ċ*) meta persuna tikser jew tonqos li tħares xi dispożizzjonijiet dwar il-biljetti tal-flus jew muniti foloz u jew awtentikazzjoni u l-verifika tal-kundizzjoni tal-biljetti tal-flus u muniti tal-euro taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 50;

(*d*) meta persuna (fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas) tikser jew tonqos li tħares xi dispożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 924/2009 dwar il-ħlas transkonfini fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001; u

(*e*) meta xi persuna, barra minn xi persuna fiżika li ma tkunx qed taġixxi għall-finjiet ta’ kummerċ, negozju jew professjoni f’kuntratti ta’ servizz ta’ pagamenti tikser jew li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 260/2012 tal-14 ta’ Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta’ kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009:

Iżda penalità amministrattiva imposta mill-Bank m’għandhiex tkun ikbar minn:

(*a*) ħamsin elf euro fil-każ ta’ penalità ta’ darba; u

(*b*) ħames mitt euro kuljum għal kull jum fil-kaz ta’ penalità kumulattiva, u l-penalità akkumulata m’għandhiex taqbeż il-ħamsin elf euro.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-appell mogħti taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35 u minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), meta persuna tikser jew tonqos li tħares ordni jew

rekwiżit magħmul taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 34 u 34A, u f'xi direttiva maħruġa taħthom, il-Bank jista' jimponi penali amministrattiva li tista' tiġi miġbura mill-Bank mingħajr rikors għal smigħ mill-qorti, sa tnejn fil-mija (2%) tal-valur totali tat-transazzjonijiet transatti minn dik il-persuna matul is-sena kummerċjali preċedenti, u fi kwalunkwe każ dik is-somma ma tkunx tista' taqbeż miljun euro (€1,000,000).

Ġbir ta' penalitajiet amministrattivi. *Miżjud: XVII. 2002.100. Emendat: I. 2007.3, 46; XIII. 2013.39.*

**57.** (1) Meta bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 56, il-Bank jimponi penali amministrattiva, dan għandu jinnotifika lill-persuna jew, fil-każ ta' entità taħt l-artikolu 23, il-persuna inkarigata mill-affarijiet amministrattivi tal-entità, li fuqha tkun imposta l-penali bil-mezz ta' avviż bil-miktub.

(2) Meta penali amministrattiva tkun imposta fuq persuna jew entità dwar xi ksur tad-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 56(*b*), dik il-penali tkun bla ħsara għall-obbligu tal-intrapriża li tħallas l-ispejjeż tal-verifika, u, jew tal-proċedura għall-ġbir obbligatorju, skont il-kaz.

(3) Meta avviż li jimponi penali amministrattiva jkun notifikat lil xi persuna jew entità:

(*a*) dik il-persuna jew entità ma tappellax lit-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "it-Tribunal") skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35 u tonqos li tħallas lill-Bank il-penali amministrattiva fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż; jew

(*b*) dik il-persuna jew entità tappella lit-Tribunal u tonqos li tħallas lill-Bank il-penali amministrattiva kif konfermata jew imnaqqsa mit-Tribunal fi żmien ħmistax-il jum mid-deċiżjoni tat-Tribunal;

f'kull każ bħal dan, il-Bank ikollu d-dritt li jiġbor is-somma dovuta bħala dejn ċivili u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandhom japplikaw.

(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) jew skont il-każ, deċiżjoni tat-Tribunal għandhom, man-notifika ta' kopja tagħhom b'att ġudizzjarju lill-persuna indikata fl-avviż jew fid-deċiżjoni tat-Tribunal, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-fini tat-Titlu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

Bye-laws. *Sostitwit: XVII. 2002.100. Emendat: I. 2007.3.*

**58.** Il-Bord jista' jagħmel *bye-laws* li ma jkunux inkonsistenti ma' dan l-Att, għall-bonordni u l-amministrazzjoni tal-Bank.

Eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul u dazju tal-boll fuq dokumenti u trasferimenti. *Sostitwit: XXVI. 1994.34. Emendat: I. 2007.3.*

**59.** Il-Bank għandu jkun eżentat mill-ħlas tat-taxxa tad-dħul u dazju tal-boll fuq dokumenti u trasferimenti skont kull liġi li hi fis-seħħ.

Setgħa biex joħroġ regolamenti.
*Miżjud: I. 2007.47. Emendat: XIII. 2013.40.*

**60.** (1) Il-Ministru jista', permezz ta' regolamenti, jemenda l-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għat-Trattati, l-Istatut u kull att legali ieħor maħruġ taħthom u bla ħsara għall-abilità tal-Bank li jwettaq id-dmirijiet tiegħu taħt dan l-Att, it-Trattati u l-Istatut, il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-Bank, b'regolamenti jaħtar il-Bank sabiex jaġixxi bħala awtorità kompetenti għall-finijiet ta' kull regolament jew xi att legali ieħor maħruġa taħt it-Trattati jew l-Istatut jew meta jkun hekk meħtieġ bħala riżultat tal-adeżjoni ta' Malta fl-Unjoni Ewropea jew biex jaqdi funzjoni importanti għall-istabilità jew funzjonament ordnat tas-sistema finanzjarja. Il-Ministru jista' wkoll jipprovdi f'dawn ir-regolamenti għal kull ħaġa li hija neċessarja sabiex jagħti effett għal xi dispożizzjoni ta' xi wieħed minn dawn ir-regolamenti jew xi att legali ieħor, inkluż li tingħata s-setgħa lill-Bank sabiex joħroġ u jinforza sanzjonijiet u sabiex tingħata kompetenza lil xi qorti jew tribunal f'Malta sabiex jintemmu kwistjonijiet li joħorġu minn dawk ir-regolamenti jew atti legali oħra.

Setgħa li joħroġ, jemenda u jirrevoka direttivi.
*Miżjud: XIII. 2013.41.*

**60A.** (1) Il-Bank jista' joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jingħata effett lil xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, it-Trattati u l-Istatut.

(2) Direttivi maħruġa mill-Bank jistgħu jsiru fil-lingwa Ingliża biss.

Rati ta' referenza.
*Miżjud: I. 2007.47. Sostitwit: XIII. 2013.42.*

**61.** (1) Referenza f'xi liġi għar-rati ta' skont, intervent ċentrali u, jew rati ta' interessi uffiċjali tal-Bank għandha tkun referenza għar-rata minima tal-offerti fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' finanzjament mill-ġdid stabbilita mill-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(2) Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor mill-kuntest, referenza f'xi liġi għal rati ta' kambju pubblikati mill-Bank għandha tkun referenza għal rati ta' kambju pubblikati mill-Bank kif ukoll rati ta' kambju pubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## TAQSIMA XII

### DISPOSIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI DWAR IL-LIRA MALTIJA

Biljetti tal-flus.
*Miżjud: I. 2007.48. Emendat: XIII. 2013.43.*

**62.** (1) Wara li jingħata avviż kif imiss mill-Ministru fil-Gazzetta, il-Bank ikollu s-setgħa li jiġbor kull biljett tal-flus bil-lira Maltija wara ħlas ekwivalenti tal-valur nominali tiegħu fl-euro, u kull biljett tal-flus tali għandu jkun jista', sa għaxar snin wara l-għeluq tal-perijodu msemmi fl-avviż iżda bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), jiġi mifdi mill-Bank fuq talba għall-flus maqlubin fl-euro bir-rata tal-lira Maltija għall-euro stabbilita skont it-Trattati u mingħajr ebda ħlas.

(2) Ħadd ma jkun jista' jifdi mill-Bank il-valur ta' xi biljett tal-flus bil-lira Maltija mitluf, misruq, mutilat jew imperfett. Iċ-ċirkostanzi li fihom u l-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li taħthom ikun jista' jiġi mifdi b'konċessjoni l-valur ta' biljetti ta' flus fil-lira Maltija mitlufa, misruqa, mutilata jew imperfetta għandhom ikunu fid-diskrezzjoni assoluta tal-Bank.

(3) Meta tgħaddi sena wara li jiskadi l-perjodu msemmi fl-

avviż li jsejjaħ lura l-ġbir ta' biljetti tal-flus taħt is-subartikolu (1), kull biljett tal-flus bil-lira Maltija hekk imsejjaħ lura iżda li ma jiġix ippreżentat biex ikun mifdi għandu jtemm milli jibqa' jiġi inkluż fil-passiv monetarju tal-Bank, u l-valur ta' dawk il-biljetti tal-flus, wara li jitnaqqas minnhom il-valur tan-noti kollha li sussegwentement jiġu mifdija, għandu jitqassam mal-profitti tal-Bank tul il-perjodu li jkun fadal biex jagħlaq il-perijodu ta' għaxar snin speċifikat taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(4) Meta jagħlaq il-perjodu ta' għaxar snin speċifikat taħt is-subartikolu (1), id-disposizzjonijiet tal-artikoli 45 sa 50 u tal-artikolu 54 għandhom ikunu japplikaw ukoll għall-biljetti tal-flus fil-lira Maltija.

(5) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "biljetti tal-flus fil-lira Maltija" tfisser il-biljetti tal-flus li kienu valuta legali f'Malta qabel l-introduzzjoni tal-euro.

Muniti.
*Miżjud: I. 2007.48.*
*Emendat: XIII. 2013.44.*

**63.** (1) Wara li jingħata avviż kif imiss mill-Ministru fil-Gazzetta, il-Bank ikollu s-setgħa li jiġbor kull munita fil-lira Maltija wara ħlas ekwivalenti tal-valur nominali tagħha fl-euro u kull munita tali għandha, sa sentejn wara l-għeluq tal-perjodu msemmi fl-avviż iżda bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u dejjem sakemm dik il-munita ma tkunx ġiet imbagħbsa, tiġi mifdija mill-Bank fuq talba għall-muniti maqlubin fl-euro bir-rata tal-lira Maltija għall-euro stabbilita skont it-Trattati u mingħajr ebda ħlas.

(2) Ħadd ma jkun jista' jifdi mill-Bank il-valur ta' xi munita fil-lira Maltija mitlufa, misruqa, mutilata jew imperfetta. Iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet li taħthom dak il-valur jista' jiġi mifdi b'konċessjoni jkunu fid-diskrezzjoni assoluta tal-Bank.

(3) Meta jgħaddu sitt xhur mit-tmiem tal-perijodu msemmi fl-avviż li jsejjaħ lura l-ġbir ta' kull munita taħt is-subartikolu (1), kull munita bil-lira Maltija hekk imsejħa lura iżda li ma tiġix ippreżentata biex tkun mifdija ma tibqax tiġi inkluża fil-passiv monetarju tal-Bank, u l-valur ta' dawk il-muniti, wara li jitnaqqas minnhom il-valur tal-muniti kollha li sussegwentement jiġu mifdija, għandu jitqassam mal-profitti tal-Bank tul il-perjodu li jkun fadal biex jagħlaq il-perjodu ta' sentejn speċifikat taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(4) Sa meta jagħlaq il-perjodu ta' sentejn speċifikat taħt is-subartikolu (1), id-disposizzjonijiet tal-artikoli 45 sa 50 u tal-artikolu 54 għandhom ikunu wkoll japplikaw għall-muniti bil-lira Maltija.

(5) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "muniti bil-lira Maltija" tfisser il-muniti li kienu valuta legali f'Malta qabel l-introduzzjoni tal-euro.

*Miżjuda: I. 2007.50. Emendata: XIII. 2013.45; XXX.2020.14.*

SKEDA

(Artikolu 2)

- Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371);
- Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376);
- Att dwar is-Servizzi ta’ Investiment (Kap. 370);
- Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Kap. 403);
- Att dwar id-Distribuzzjoni fl-Assigurazzjoni (Kap. 487);
- Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345);
- Att dwar is-*Securitisation* (Kap. 484).
- Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta (Kap. 330)